# Kartolina



Ser niktiblek kartolina
b'versi qosra u kliem sabiħ,
biex l-isbaħ xewqat ngħaddilek
għal vaganzi ta' mistrieħ.

Ferħ u hena nawguralek
minn qiegħ qalbi dax-xewqat,
Jalla tgawdi mal-familja
u jkollok ħafna żjarat.

Kartolina b'xena sbejħa
tal-Madonna u l-Bambin,
San Ġużepp u r-ragħajja fqajra
u l-maġi hekk twajbin.

Kif tiftaħha ddoqqlok għanja
b'melodija li thennik,
kartolina illi tfakkrek
li jien dejjem naħseb fik.

*Kitba ta' Reno Saliba*
*Għalliem tal-Malti fl-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu II*